# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn, 23 ta' Jannar, 2023

**Kawża Nru. 17**

**Rik. Nru. 9/2022 ISB**

**Oliver Agius (358445M), Yvonne Agius (366646M) u O.A. Investments Limited (C-9270)**

**vs**

**Reġistratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** ta' **Oliver Agius, Yvonne Agius u O.A. Investments Limited**, intavolat fl-1 ta' Frar 2022, li permezz tiegħu huma talbu lil-Qorti sabiex:-

> *...tordna li l-isem tal-kumpannija **Feriana Estates Limited (C-217)** jerġa' jiddaħħal fir-Reġistru tal-Kumpanniji ai termini tal-artikolu*

*325(4) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta b'dana illi l-kumpannija titqies illi kompliet bl-esistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar u dana taħt dawk id-direzzjonijiet u provvedimenti li jidhrilha xierqa.*

U dan wara li ppermettew:

*Illi b'żewġ kuntratti wieħed tas-7 ta' Ġunju 1988 u ieħor tat-8 ta' Awwissu 1988, it-tnejn fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon, l-esponent Oliver Agius personalment, matul iż-żmien tiegħu mal-esponenti Yvonne Agius, u s-soċjetà O.A. Investments Limited, akkwistaw żewġ terzi (2/3) indiviżi tas-subdirett dominju temporanju u l-awment relattiv għas-subutile dominju temporanju ta' disgħa u għoxrin tomna (29T) art magħrufa bħala x-Xagħra tal-Ħawlija, Mellieħa, kif aħjar deskritta fl-imsemmija kuntratti, oriġinarjament impost fil-konfront tas-soċjetà Feriana Estates Limited b'kuntratt tas-16 ta' Ġunju 1966 fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat.*

*Illi l-esponenti qatt m tħallsu s-subċens dovut lilhom, u għalhekk għandhom pretensjoni ta' kreditu fil-konfront tal-kumpannija Feriana Estates Limited.*

*Illi fit-23 ta' Ottubru 2019, ir-Reġistratur intimat ħassar l-isem tas-soċjetà Feriana Estates Limited (C-217) wara li deherlu li l-istess kumpannija kienet tikkwalifika bħala kumpannija li ma toperax.*

*Illi l-esponenti għalhekk iħossuhom aggravati bil-fatt li l-isem tal-kumpannija Feriana Estates Limited ġie mħassar mir-Reġistru tal-Kumpannija u għandhom interess li l-istess kumpannija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji sabiex ikunu jistgħu jistitwixxu l-proċeduri opportuni għall-ħlas tal-kreditu dovut lilhom u jeżegwixxu l-istess fuq ir-residwu tal-immobbli li għadu jappartjeni lill-istess kumpannija.*

Rat id-dokumenti ppreżentati mar-rikors (fol 5 sa fol 22).

Rat **id-digriet** tagħha tat-22 ta' Frar 2022 fejn ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tat-23 ta' Marzu 2022 fil-11:30 a.m., u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpanniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fis-7 ta' Marzu 2022 (ara tergo ta` fol 24).

Rat illi fil-25 ta' Marzu 2022, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimata ppreżentat **ir-risposta** tagħha (fol 26), li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi l-kumpannija Feriana Estates Limited (C 217) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji ("Reġistru") fit-8 ta' Frar 1966;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat informazzjoni dwar kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk, illi l-aħħar kont annwali reġistrat mar-Reġistratur tal-Kumpaniji kien dak tas-sena 2003 u l-aħħar prospett annwali huwa tas-sena 2005;*

*Illi tali nuqqas serju u kontinwu għal diversi snin kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponenti Reġistratur tissoponi illi l-kumpannija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċediet sabiex kiteb lill-kumpannija sabiex tavża illi l-isem tal-kumpannija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi ta' min jispeċifika illi din id-darba, ir-Reġistratur ma kitbitx ukoll lill-uffiċċjali tal-kumpanija għas-sempliċi raġuni li ma kien hemm ħadd jidher bħala uffiċċjal, l-għaliex l-aħħar uffiċċjal li kien għad fadal kien irreżenja fit-18 t' April 2005;*

*Illi r-Reġistratur bagħtet l-ewwel avviż permezz ta' ittra (annessi u mmarkati bħala Dok. 'A', l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) lill- kumpanija fuq l-indirizz reġistrat tal- kumpanija '167, Merchants Street, Valletta' datata 21 ta' Mejju 2019;*

*Illi t-tieni avviż ġie mibgħut permezz ta' ittra oħra lill-kumpanija fuq l-istess indirizz fit-22 ta' Lulju 2019;*

*Illi f'dawn l-ittri l- kumpanija ġiet infurmata illi la darba l-kumpanija kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar, u t-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kienet se tkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija.*

*Illi fit-22 ta' Lulju 2019, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal- Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi fil-frattemp, ir- Reġistratur qatt ma rċieva l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti kemm mingħand il-kumpanija u l-ebda oġġezzjoni mingħand terzi persuni u għaldaqstant, fit-23 t' Ottubru 2019, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent ħareġ avviż fuq website miżmuma minnu fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur jixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija għandha tissottometti d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa (inkluż il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan sabiex jiġi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni. Ir-Reġistratur qiegħed umilment jissolleva illi qiegħed iħalli f'idejn din l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tiegħu sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rattifikata;*

*Illi r-Reġistratur huwa kreditur ta' din il-kumpanija huwa stess u għaldaqstant huwa għandu jiġi mħallas il-penali dovuti fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' prospetti annwali u kontijiet annwali li jammontaw għal eluf ta' ewro, filwaqt illi di piu', il-pagament dovut fuq reġistrazzjonijiet ta' prospetti annwali li baqgħu pendenti jammontaw għal **EUR 1,789.18***

*Illi l-Att dwar il-Kumpaniji jipprovdi illi hekk kif ir-Reġistratur tħassar l-isem tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru, l-attiv tal-kumpanija jgħaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta;*

*Illi għalhekk ir-Reġistratur qiegħda umilment tissolleva illi qiegħda tħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti, sabiex jistabbilixxu jekk il-kumpannija in kwistjoni timmeritax illi tidħol lura fuq ir-Reġistru u jekk tidħol min ser jirrappreżentaha u lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provediment li l-Qorti jidrilha xierqa u opportun sabiex l-esponenti tkun fil-posizzjoni illi teżerċita kwalunkwe drittijiet spettanti lilha.*

*Bl-ispejjes.*

Rat ir-rikors tal-intimat Reġistratur tal-Kumpaniji intavolat fil-25 ta' Marzu 2022 (fol 57) li permezz tiegħu talbet l-kjamat fil-kawża ta' Joseph Brincat u Ferry Pilzer. Rat ukoll id-digriet tagħha tat-22 ta' April 2022 (fol 59) li permezz tiegħu ordnat in-notifika lill-kontro-parti b'ġimgħa għar-risposta.

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Ġunju 2022, deher l-Avukat Alessandro Lia għar-rikorrenti u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Rat ukoll li f'dik l-udjenza id-difensur għarraf lill-Qorti illi Joseph Brincat li tiegħu kien qed jintalab il-kjamat in kawża jinsab mejjet. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tar-Reġistratur intimata li fiċ-ċirkostanzi mhux qed tinsisti fuq it-talba kontenuta fir-rikors tagħha tal-25 ta' Marzu 2022.

Rat ukoll illi f'dik l-udjenza xehed Oliver Agius.

Rat in-nota ta' Oliver Agius (fol 35) li permezz tagħha ppreżenta numru ta' dokumenti (Dokument A sa Dokument C, fol 36 sa fol 56).

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Lulju 2022 li permezz tiegħu, in vista tad-dikjarazzjoni tar-Reġistratur intimat verbalizzata fl-udjenza tas-27 ta' Ġunju 2022, astjeniet milli tipprovdi dwar ir-rikors tal-intimat Reġistratur tal-25 ta' Marzu 2022.

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Ottubru 2022, id-difensur tar-rikorrenti iddikjara li m'għandux aktar provi x'jipproduċi.

Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tar-Reġistratur li irrelevat li jekk il-kumpanija Feriana Estates Ltd tiġi re-integrata fuq ir-Reġistru ser jibqgħu jissusistu l-istess raġunijiet validi li ntitola lir-Reġistratur ineħħi l-kumpanija minn fuq ir-Reġistru.

Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tar-rikorrenti li iddikjara li l-għan tar-rikorrenti li l-kumpanija Feriana Estates Ltd terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji huwa sabiex ikunu jistgħu jipproċedu kontra l-istess kumpanija għal kanonizzazzjoni ta' kreditu dovut lilhom u f'każ ta' eżitu posittiv jeżeġwixxu dak il-kreditu kontra l-kumpanija fuq propjeta` immobbli li għad għandha. Għal dan l-għan, la darba l-kumpanija m'għandha l-ebda uffiċjal ser jitolbu l-ħatra ta' kuraturi deputati skont l-Artikolu 929(d) tal-Kap 12.

Rat ukoll li in vista tad-dikjarazzjoni tad-difensur tar-rikorrenti, id-difensur tal-intimata irrimettiet ruħha għad-deċiżjoni tal-Qorti.

Rat ukoll li bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għall-llum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, u li permezz tagħha, ir-rikorrenti jgħidu illi b'effett mit-23 ta' Ottubru 2019, l-isem tas-soċjeta Feriana Estates Limited (C-217) kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji.

Illi jirriżulta illi r-rikorrenti huma kredituri tas-socjeta` msemmija Feriana Estates Limited (C-217) fl-ammont ta' tlieta u sebgħin elf, erba' mija u sitta u disgħin Ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€73,496.28), li jinħtieġ jiġi komputat kif indikat fir-rikors promotur, li jirriżulta mill-kuntratti msemmija fir-rikors promotur u jikkonsistu fi ħlas ta' sub-ċens dovut lilhom, kollox kif jirriżulta mix-xhieda mressqa u mid-dokumenti esebiti.

Huwa allura għalhekk illi r-rikorrenti ressqu dawn il-proċeduri sabiex is-soċjeta` Feriana Estates Limited (C-217) terga' titqiegħed fuq ir-Reġistru bil-għan illi r-rikorrenti jieħdu l-miżuri kollha lilhom spettanti biex jissodisfaw l-kreditu tagħhom.

Illi fix-xhieda tiegħu Oliver Agius jgħid li O.A. Investments hija kumpanija li tappartjeni lilu. Jispjega li kien xtara porzjon art fil-Mellieħa li fuqha kien jitħallas sub-ċens minn Feriana Estates Limited, liema sub-ċens qatt ma tħallas. Jispjega illiu prova jirranġa s-sitwazzjoni tiegħu iżda sar jaf li l-kumpanija ngħalqet. Jgħid li f'dan ir-rigward għandu jieħu għexieren ta' eluf ta' euro.

Il-Qorti tosserva li r-rikorrenti ppreżentaw tliet (3) kuntratti:

- Kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Brincat datat 16 ta' Ġunju 1966 li permezz tiegħu Carmelo Calleja (għal terz indiviż), Abercall Limited (għal terz indiviż) u Rosa Vassallo (għal terz indiviż) trasferew favur Feriana Estates limited, is-subutili temporanju ta' porzjon art fil-Mellieħha tal-kejl ta' madwar disgħa u għoxrin (29) tomna imsejħa "Xagħri tal-Ħawlija" b'awment ta' sub-ċens ta' elf, tlett mija u tnejn u disgħin Liri Maltin (Lm1,392) fis-sena, ekwivalenti għal tlett elef, mitejn u tnejn u erbgħin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€3,242.48).
- Kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon datat 8 ta' Awwissu 1988 li permezz tiegħu O.A. Investments akkwistat is-subdirett dominju temporanju li kien jappartjeni lil Rose Vassallo.

- Kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Falzin datat 8 ta' Awwissu 1988 li permezz tiegħu O.A. Investments akkwistat is-subdirett dominju temporanju li kien jappartjeni lil Abercall Investments.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-intimat Reġistratur jsostni illi kellu kull raġuni valida fil-liġi biex jikkanċella l-kumpannija u għaddha mill-proċeduri kollha li trid il-liġi sabiex sar dan. Filwaqt illi finalment jħalli f'idejn il-Qorti sabiex tiddeċiedi hi skond il-provi li jitressqu, b'dana kollu r-Registratur intimat jirrimarka illi l-Qorti għandha tiddeċiedi jekk kemm -il darba l-isem tal-kumpanija jidħol lura fir-reġistru min ser jirrapreżantaha.

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta:**

> *Jekk <u>membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess</u> li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u <u>l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa</u> biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bzonn biex kumpannija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji terġa' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubbju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta il-kumpannija Feriana Estates Limited (C-217) ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Mill-atti jidher ċar illi r-rikorrenti allegatament għandu kreditu sostanzjali fil-konfront tal-kumpannija mneħħija minn fuq ir-Reġistru Feriana Estates Limited (C-217) u li, jekk irid jingħad kollox, ir-rikorrenti naqsu milli jipproċedu kontra l-istess kumpannija sabiex jissaldaw l-kreditu tagħhom u eventwalment jitħallsu, anke jekk in effetti, x-xhieda tar-rikorrent Oliver Agius turi li kien meta huwa mar biex jagħmel dan li ntebaħ li l-kumpannija kienet ġiet imneħħija minn fuq ir-Reġistru.

Illi filwaqt illi l-intimat Registratur għandu ragun josserva illi jekk kemm -il darba l-kumpanija terġa' titpoġġa fuq ir-reġistru ai termini tal-Artiklu 325(4) xorta ser jissusistu l-fatturi li wasslu sabiex ir-Reġistratur neħħa l-kumpanija minn fuq ir-Reġistru – ossia` u principalment il-fatt illi l-kumpannija ma ghandha ebda ufficjal u al-ahhar ufficjal irrezenja fis-sena 2005 – b'dana kollu, il-Qorti tqis illi kull każ storja u fil-każ odjern, ir-rikorrenti indikaw li l-kumpanija fil-fatt għad għandha l-assi immobbli minkejja li fir-risposta tiegħu r-Reġistratur intimat indika li l-kumpannija ilha mill-2007 ma tagħti rendikont tal-assi tagħha.

Huwa għalhekk illi din il-Qorti, fid-deċiżjoni tagħha qed tieħu nota tal-fatt illi r-Reġistratur intimat kellu kull raġun illi jikkanċella isem il-kumpannija Feriana Estates Limited (C-217) minn fuq ir-Reġistru, pero` r-rikorrenti għandhom interess u jinsab sodisfatt dak li trid il-liġi biex huma jitolbu b'suċċess ir-ri-entegrazzjoni tal-kumpannija msemmija lura fuq ir-Registru.

Il-Qorti tosserva wkoll li permezz ta' dikjarazzjoni magħmula mid-difensur tiegħu, r-Reġistratur intimat, ukoll in vista tad-dikjarazzjoni tar-rikorrenti li ser jintavolaw proċeduri permezz ta' talba ta' kuraturi deputati, bidlet il-posizzjoni tagħha u ddikjarat li mhux qiegħda toġġezzjona għat-talbiet rikorrenti.

Il-Qorti tinnota illi l-Artikolu 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta ihalli fid-diskrezzjoni taghha tordnax ir-ri-integrazzjoni ta' kumpannija lura fuq ir-Registru "*jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru*".

Irid jinghad illi fic-cirkostanzi specifici tal-kaz u una volta illi r-rikorrenti qed jiddikjaraw illi ser jiehdu proceduri gudizzjarji biex jirkupraw kreditu illi jsostnu illi huwa dovut lilhom mis-socjeta' de quo, ukoll fid-dawl tal-fatt illi

r-rikorrenti stqarrew illi l-istess raguni ghaliex il-kumpannija giet kancellata ma jimpedihomx milli jressqu t-talbiet gudizzjajri taghhom u ghal finijiet ta' l-istess talbiet, jistghu jitolbu ai termini tal-artiklu 929(d) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-hatra ta' kuraturi deputati, il-Qorti thoss u jidhrilha illi sabiex ikunu jistghu jaghmlu tali proceduri, huwa misthoqq u xieraq, fic-cirkostanzi, illi l-kumpannija ssib postha lura fuq ir-Registru tal-Kumpanniji.

Il-Qorti sejra għalhekk tilqa' t-talba mressqa mir-rikorrenti, pero` una volta illi ser jingħata din l-opportunita' li l-kumpanija Feriana Estates Limited (C-217) terġa' titpoġġa fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, dan ma jfissirx illi din il-Qorti terġa' tagħti jew marbuta terġa' tagħti opportunita` oħra jekk ir-rikorrenti ifallu mid-dmirijiet u l-obbligi tagħhom biex jeżerċitaw d-drittijiet tagħhom fil-konfront ta' din il-kumpanija.

Ir-rikorrenti għandhom ikunu ben konxji ta' dan u b'hekk din il-Qorti tkun f'posizzjoni aktar komda u serena biex teżerċita id-diskrezzjoni tagħha favur it-tqegħid lura ta' isem is-socjeta` Feriana Estates Limited (C-217) lura fuq ir-Reġistru.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax il-jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Feriana Estates Limited (C-217)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpannija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **Feriana Estates Limited (C-217)** jitpoġġa lura fuq tali Registru tal-Kumpanniji għall-perjodu ta' ħames (5) snin, b'dan illi r-rikorrenti huma mistennija illi jkunu inizjalaw, segwew u iffinalizzaw kwalunkwe proċeduri neċessarji sabiex jiksbu u jenforzaw kwalsiasi drittijiet kontra l-istess soċjeta` msemmija fiż-żmien hawnekk konċess.

4. **Fil-raba' lok**, tordna illi l-ispejjes ta' din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi seta' nkorra u li ghad jista' jinkorri ir-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija **Feriana Estates Limited (C-217)** fuq ir-Reġistru tal-kumpanniji u konsegwentament jerġa' jiġi kkanċellat l-istess isem kif hawn fuq deċiż, jkunu a karigu tar-rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**